**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 3 ta` Ottubru, 2018.**

**Talba Nru: 37/2018 PA**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Patrick Pullicino**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-18 ta` Jannar 2018, li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasħa s-somma ta` seba' mija, tnejn u sebgħin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€772.18ċ), allegatament dovuta lilha bi prezz ta` servizzi u prodotti provduti minnha lill-konvenut, in konnessjoni ma' servizzi ta` telefonija ċellulari bil-kont numru 1.10982339, bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 467/15, u bl-imgħax legali mid-data tal-fattura sad-data tal-ħlas effettiv.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja tal-istatement of account tal-konvenut maħrug mis-soċjeta` attriċi (Dok. PP1, fol. 2-3), u affidavit tal-avukat Dr. Jeremy Debono, fil-kwalita` tiegħu ta` rappreżentant tas-soċjeta` attriċi, li permezz tiegħu kkonferma li l-konvenut huwa debitur tal-istess soċjeta`

attriċi fl-ammont reklamat b'din il-kawża; u li minkejja li interpellatu biex iħallas anke permezz ta` ittra uffiċjali eżekuttiva, dan baqa' inadempjenti (Dok. PP2, fol. 4).

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, ma ppreżentax Risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li, fl-udjenza tad-19 ta` Settembru 2018, is-soċjeta` attriċi ppreżentat kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut, li biha riedet tipprova bil-ġurament tiegħu li huwa debitur tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li, minkejja dan, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra minkejja dan illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenuti għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.4.2004), it-Tribunal xorta waħda irid jiddeċiedi jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta` probabilita`, kontra ż-żewġ konvenuti, wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

> '[I]n linea ta` prinċipju l-kapitolu hu fatt proċesswali li jġib miegħu effetti speċifiċi, espressament prevvisti u determinati mil-liġi tħat il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa deżunt illi l-kapitolu hju mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni ġudizzjali f' min lilu jiġi deferit ta` fatt sfavorevoli għal kapitolat u ta` vantaġġ għall-parti li eskoġitatu. Jingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani**", Appell Inferjuri, 28 ta` April 1998, illi "din iċ-ċirkustanża hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-

kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta` non kontestazzjoni – ta` l-istess konvenut";

In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-ġurisprudenża, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova weħi[ħ]da mhux neċessarjament u bilfors għandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni ta` l-attur in kwantu dak l-istat miġjub in essere bil-kapitolu ma għandux ifisser li qed jintroduċi derogi għall-prinċipju talpiż tal-provi. Kif rilevat mill-Qorti ta` l-Appell kolleggjali fil-kawża "**James Trapani *et* -vs- Vincent Cilia**" (28 ta` April 2000), "il-kapitoli jitqiesu konfessati pero` dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqgħod fuq dik il-preżunta ammississjoni. Dik il-prova kellha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova oħra li sa dak l-istadju setgħet kienet diġa` prodotta quddiem il-Qorti."[1]

Ikkunsidra li s-soċjeta` attriċi naqset li tipprova r-relazzjoni kuntrattwali bejnha u l-konvenut, u t-termini u l-kundizzjonijiet li jirregolawha.

Ikkunsidra pero` li, minkejja dan in-nuqqas inkwetanti, it-Tribunal għandu x-xiehda tal-avukat Dr. Jeremy Debono, li kkonferma bil-ġurament tiegħu dak li jirriżulta mir-rendikont preżentat mal-Avviż tat-Talba. Mir-rendikont preżentat mis-soċjeta` attriċi, jidher li l-konvenut kien qed iħallas il-kontijiet li jirċievi mingħand is-soċjeta` attriċi, allegatament għal servizzi minn dawk provduti minnha, pero` naqas li jħallas kontijiet speċifiċi maħruġa lilu fl-1 ta` Awissu 2014, fl-1 ta` Settembru 2014 u fl-1 ta` Ottubru 2014 rispettivament, filwaqt li ħalla bilanċ mill-kontijiet maħruġa lilu bejn Frar 2014 u Lulju 2014.

Fiċ-ċirkostanżi, fuq bilanċ ta` probabilta`, it-Tribunal jidhirlu li tirriżulta pruvata l-pretensjoni tas-soċjeta` attriċi kontenuta fl-Avviż tat-Talba.

[1] **Stephen Vella vs Bollicine Limited et**, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 9.1.2008

Kwantu għat-talba tagħha għall-ħlas tal-ispejjeż tal-ittra uffiċjali eżekuttiva allegatament preżentata minnha kontra l-konvenut, għalkemm is-soċjeta` attriċi naqset li tippreżenta kopja tal-istess ittra fl-atti ta` din il-kawża, it-Tribunal ħa konjizzjoni tagħha mill-atti ġudizzjarji ppreżentati fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili.

Kwantu għat-talba għall-ħlas tal-imgħax mid-data tal-fatturi, it-Tribunal jidhirlu li din it-talba ma ġietx pruvata, la fil-fatt u lanqas fid-dritt. Is-soċjeta` attriċi naqset li tipprova li l-konvenut huwa *'kummerċjant'*, jew li l-kuntratt li kellha mal-konvenut kien jikkostitwixxi *'att ta` kummerċ'*, fit-termini tal-**art. 2** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** (Kap. 13 tal-Liġijiet ta` Malta), liema elementi kienu meħtieġa sabiex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-prova tal-obbligazzjoni kummerċjali għall-finijiet tal-**art. 1141(1)** tal-**Kodiċi Ċivili** (Kap. 16 tal-Liġijiet ta` Malta). Għaldaqstant, it-Tribunal ser iqis li r-relazzjoni mertu ta` din il-kawża kellha natura ċivili, u li konsegwentement l-imgħax sar dovut biss mid-data li fiha s-soċjeta` attriċi ppreżentat l-ittra uffiċjali eżekuttiva tagħha kontra l-konvenut.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, it-Tribunal jilqa' limitatament it-talba tas-soċjeta` attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasħa s-somma ta` seba' mija, tnejn u sebgħin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€772.18ċ, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali eżekuttiva numru 467/2015, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**